**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 8 ta' Jannar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Brian Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 354075M**

*Kumpilazzjoni Nru. 974/2012*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Brian Pace u cioe`, talli:

F 'Settembru, 2012, u fx-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposiżżjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Irċieva mingħand Vincent Axisa detentur tal-Karta tal-Identita` numru 167283M xi wegħda li jingħata, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet, jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla li jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-Liġi, ai termini ta' l-artikoli 298Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess żmien , lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, ħutu subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ai termini tal-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhomx'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2012, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fid-9 ta' Frar, 2018.

Illi din il-kawza hi senjata minn zewg verzjonijiet konfliggenti. Dik tal-kwerelant Vincent Axisa, li jghid li kien vittma tal-uzura mwettqa fil-konfront tieghu mill-imputat, u dik tal-imputat li jghid li hu minnu li kien sellef flejjes lil Axisa izda dan kien issir ta' sikwiet u minghajr problemi ghajr ghal din id-darba fejn kien sellfu LM12,000 u kien baqa' ma hallsux lura l-ammont ta' €8,200.

Illi rapprezentant tad-dipartiment tas-Sigurta` Socjali xehed li mill-2010 l-imputat kien jircevi €53.16 fil-gimgha beneficcji tal-assistenza socjali.[1] Jidher li baqa' beneficcjarju sas-sena 2013.[2]

Illi rapprezentant tal-Jobsplus xehed[3] li l-imputat jirregistra u fl-ahhar snin kien ilu jirregistra minn zmien ghal zmien bl-ahhar perjodi ikunu bejn Mejju u Settembru, 2010, u April sa Dicembru, 2012.[4]

Illi rapprezentant tal-Bank of Valletta plc. xehed kif l-imputat kellu biss Savings Account li mid-dokumentazzjoni migbura jidher li l-attivita` principali fih kienet d-depozitu tal-beneficcji tal-assistenza socjali li kien jircevi. Altrimenti kien jaghmel biss *withdrawals* f'ammonti bejn €100-€300 minn ATM; attivita` inokwa ghall-ahhar.[5]

Illi tul ix-xhieda minn tieghu, l-kwerelant, **Vincent Axisa**, jsemmi diversi cifri li jghid li spicca jhallas lill-imputat tul iz-zmien wara li originarjament fl-2009 kien issellef €2,000 biex jixtri ziemel. Fil-fatt Vincent Axisa beda biex spjega li f' Mejju, 2009, *"Issellift 2000 Euro u dan kkalkulajt li tajtu 26,000 Euro jien"*.[6] Il-ftehim kien li jaghtih ekwivalenti ta' LM100 fix-xahar, €235, izda meta ma kienx jista' jzomm mal-pagament fl-ahhar tax-xahar kien itih Lm500 billi kien anke jtih ic-cekkijiet tal-paga.[7] Jghid li sa Frar, 2012, kien tah €6,000 *cash*[8] u li fl-ahhar tliet snin kien spicca jtih €500 fix-xahar.[9] Spjega kif l-ahhar €6,000 kien issellifhom minghand certu Pawlu Buhagiar[10] u tahom lill-imputat bil-patt li ma jkollux iktar x'jaqsam mieghu. Dawn tahom lil omm l-imputat peress li dak il-hin li mar bihom Pace kien qed jinhasel. Jerga jsemmi li kien itieh ic-cekkijiet tal-paga biex issarafhom Pace billi jiffirmahom fuq wara u jtihomlu.[11]

---

[1] Fol.19 et seq.
[2] Fol.107 et seq.
[3] Fol.25
[4] Vide **Dok. JS2**
[5] Fol.33 et seq.
[6] Fol.60
[7] Fol.64
[8] Fol.61
[9] Fol.64
[10] Fol.71
[11] Fol.68

Fi-xhieda tieghu kkonferma ukoll ir-rapport li ghamel mal-pulizija. Hawnhekk kien stqarr li sa Mejju, 2010, ta l-ahhar pagament izda Pace qallu li ried €2,000 ohra ghax il-flus riedhom doppji - *"kontra qalbi kelli naccetta ghax kien il-hin kollu jcempel u jdejaqni, dan Brian ried €500 fix-xahar pagament u €300 interessi li b'kollox jigu €800 fix-xahar, jiena bqajt sejjer hekk sa Jannar 2012 u bejn wiehed u iehor taghjtu is-somma ta' €19,000".*[12] Kompla li xi zmien wara Pace rega' cempel ghal flus u ried €12,000; kienet anke marret ohtu titlob flus huha ghand omm Axisa. Sar kuntatt ma Pace u ftehmu li minflok itih €6,000. Meta l-flus kienu f'idu, cempillu u Pace qallu jmur itihom lill-ommu ghax kien diehel jinhasel. Tahomlha f'*envelope* u wara 5 xhur cempillu u gharrfu li kien hemm €1,000 nieqes. F'Awissu Pace mar hedded l-ommu u kien dan li spingieh jaghmel rapport lill-Pulizija; *"Jiena nghid illi lil dan Brian b'kollox tajtu madwar €25,000."*[13]

Illi giet esebita skrittura datata 29 ta' Frar, 2012, ta' kostituzzjoni ta' debitu ghaf-favur ta' Paul u Nazzerena Buhagiar fl-ammont ta' <u>€10,000</u> *"liema somma kienet giet mislufa mill-kedituri lid-debitur brevi manu, jigifieri minghajr ebda kitba."*[14] Din l-iskrittura giet konfermata bil-gurament minn Nutar Carmel Martinelli.[15] <u>Ghalhekk jidher li Buhagiar ma kienx sellef lil Axisa €6,000 izda €10,000. Axisa ma jsemmi xejn dwar il-fatt li kien sselllef €4,000 aktar milli xehed u ghaliex</u>.

Illi **Alex Aloisio**, direttur tal-kumpanija li kienet timpjega lil Axisa xehed li dan kien jithallas kull 15 il-gurnata, b'zewg cekkijiet fix-xahar, mahruga fuq kont tal-HSBC Bank.[16] L-impjieg tieghu nmbeda fit-30 ta' Awissu, 2010, u spicca fl-4 ta' Gunju, 2011.[17]

Illi **Georgina Axisa**, omm Vincent xehdet kif oht Pace qaltilha li Vince kellu jhallas lil huha sabiex hi tkun tista tiehu flus minghandu.[18] Binha kien qalilha li kien issellef il-flus minghand Pace, ferm wara li kien ha dan is-self, u saret taf li dan kien baqa' jhallsu ghaliex Pace kien jheddu biha u li kien ser imur ikisser id-dar. Kienet saret taf ukoll li binha kien

---

[12] **Dok. VA** a. fol.73
[13] Fol.74
[14] Fol.75
[15] Fol.100 et seq.
[16] Fol.78-79
[17] Fol.84
[18] Fol.118

hallas €6,000 u wara xi hames (5) xhur, f'Settembru,[19] Pace mar sabha x'hin kienet fil-veranda u staqsiha ghal Vincent ghax kien sab €1,500 nieqsin filwaqt li wegbitu li binha kien hallas ferm aktar milli kellu jhallas u ma setghax kien minnu li ntebah bil-flus nieqsin wara 5 xhur. *"U mbghad telaq bil-kwiet, rega gie, beda jsabbat fuq ic-cint, ghax jien lqajtlu, u beda jidghi kemm jiflah u jheddidni, li jekk it-tifel tieghi ma' jergax itih il-flus, ha jigi d-dar tieghi u jkisser kull m'hemm bijja."*[20] Bintha harget u qaltlu li ser iccempel lill-pulizija izda aktar ifferocja u qal li ma bezax lanqas minn rigiment pulizija.[21] Saret taf li Vincent Axisa anke ssellef minghand Buhagiar ghax hi kienet qed thallaslu l-ahhar €1,000.[22]

Illi l-imputat **Brian Pace**, ghazel li jixhed. Hu nnega li qatt sellef bl-uzura lil Axisa. Anzi jghid li kien ta' spiss issellfu flus u dejjem thallas lura *"U kien ihallasni, flok xahar idum xahrejn. Imma dejjem gabhom."*[23]. L-inkwiet beda meta ddahhlet fl-istorja omm Axisa. Jispjega kif Axisa kien talbu jsellfu flus biex jixtri karozza, u darb'ohra ghax ried jiehu t-tfajla tieghu taghmel abort. Pace jghid li tah LM12,000 u kien fadallu jigbor €8,200.[24] Ghalkemm jghid li kien fetah kawza lill-Axiaq jirrizulta li giet prezentata ittra ufficjali nhar it-2 ta' Marzu, 2018, l-ghada li xehed f'dawn il-proceduri.[25]

Pace cahad li qatt ha xi cekkijiet minghand Axisa.[26] Bil-flus li sellfu Axisa xtara aktar minn ziemel wiehed kif ukoll vetturi[27] L-imputat issostni li l-€2,000 li tah Axiaq kien hallashom izda ma zammx imghaxxijiet[28] filwaqt li lanqas kien minnu li tah €6,000. Jghid li suppost qallu li tah €5,000 izda hu sab biss €4,000 *"Beda jghoddhom qalli "Forsi waqghuli?" U jien ghidtlu: "Waqaghawlek minn gol-envelope?""*; ghalhekk iddecieda li jtihomlu lura u ghamel hekk ghax fdah li kien ser itih dak kollu dovut *"Ghax dak dejjem gie. Jien dik, meta ndahlet ommu mbghad. Kif indahlet ommu qataghli kollox.*

[19] Fol.120
[20] Fol.119
[21] Fol.120
[22] Fol.122-124
[23] Fol.171
[24] Fol.172
[25] Fol.192 et seq.
[26] Fol.174
[27] Fol.175-176
[28] Fol.177

*Mar l-Ghassa....Biex ma jhallasx. U fil-fatt lis-surgent kont ghidtlu li qal li tani 25,000. Hekk ghandhek fir-rapport."*[29]

Illi meta xehed l-Ispettur investiggattiv esebixxa lista ta' pagamenti li saru minn Axisa lill-imputat.[30] Din hi l-unika prova li ngabet tal-hlasijiet li saru minn Axisa lill-imputat peress li ma jirrizultax li Axisa kien jitlob jew inghata ricevuti tal-hlas li ghamel. Din l-lista hi importanti ghaliex hi ta' cekkijiet li Axisa jghid li hallas bihom lil Pace bejn it-30 t'Awissu, 2010, u l-4 ta' Gunju, 2011, ghalkemm id-dati taghhom jibdew minn Jannar, 2011,[31] u ghalhekk ma setghax hallas lil Pace bihom f'Awissu 2010.

Ma jistax ma jigix sottolinejat li din il-lista tidher li saret ferm wara li kienu saru l-pagamenti msemmija peress li hi maghmula b'mod ordinat fejn sahansitra hemm mnizzla ic-cekk number relattiv ghal kull pagament!

Jirrizulta mill-atti li dawn kienu cekkijiet tal-paga mahruga fuq isem l-imputat mill-*employer* tieghu u cioe` Schembri and Aloisio Ltd., l-kumpanija li kienet topera Snow White Laundry.[32] **Alex Aloisio**, riprodott esebixxa lista ta' cekkijiet li thallas bihom Axisa tul l-impjieg tieghu sa minn Settembru, 2010.

In vista tal-lista maghmula minn Vincent Axisa, il-Qorti ser tikkoncentra biss fuq dawk mhallsa minn Jannar 2011.

Illi mix-xhieda ta' **Alison Mifsud Brimmer**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc., **ma jirrizulta l-ebda cekk imsarraf mill-imputat Pace**.[33]

Fil-fatt ic-cekkijiet li Axisa jghid li ghadda lill-imputat biex issarafhom jirrizulta li gew msarrfa jew depozitati f'kontijiet bankarji f'isem terzi u cioe` Spiridione u Simone Busuttil; Mario u Ruth Camilleri;Raymond Schembri; John Cefai u iehor li gie negozjat mal-APS Bank.

[29] Fol.179-180
[30] Fol.132
[31] Ibid.
[32] Vide xhieda Alex Aloisio a fol.198 et seq.
[33] Fol.231

Tenut kont ta' dak li xehed Axisa li hu kien jaghtihom lill-imputat biex issarafhom, kien dover tal-prosekuzzjoni li taghmel l-ezercizju, li minflok sar mid-difiza, li tinvestiga u tressaq bhala xhieda dawn il-persuni li jirrizulta li c-cekkijiet gew msarrfa minnhom jew depozitati fil-kontijiet taghhom, sabiex jigi accertat x'relazzjoni kellhom ma Axisa jew kif gew f'idejhom dawn ic-cekkijiet! Il-prosekuzzjoni strahhet unikament fuq ix-xhieda ta' Axisa li mhi korroborata bl-ebda mod bi provi ohra; anzi l-provi mressqa mill-abbli difiza *prima facie* jizmentixxu l-verzjoni ta' Axisa li hu kien jghaddi cekkijiet tax-xoghol lill-imputat.

Ghalhekk altru li d-difiza rnexxielha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest minnha u cioe` sal-livell tal-probbabli.

Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda ta' Axisa li wera li ma kienx veritjier ghal kollox meta semma li ssellef €6,000 minghand Buhagiar izda fil-fatt issellef €10,000. Lanqas ma gie ppruvat li xi cekkijiet ghaddew minghandu lil Brian Pace u li spiccaw fil-but tal-imputat.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**